ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 09/07/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 09/07/2015***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015**

**Ħin: Fis-6.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera**
- **Il-Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson,* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva**

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba kien skużat.

Ippresjeda l-laqgħa l-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mill-Viċi Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Il-Kunsillier Carmelo Saliba ressaq mozzjoni biex jawgura fejqan ta' malajr lis-Sindku u li jirritorna lura fl-uffiċċju tiegħu. Tintbagħat *get well card* lis-Sindku. Il-Kunsillier Christian Cassar issekonda. Qbil unanimu mal-mozzjoni tal-Kunsillier Saliba.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 08/07/15</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 08/07/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Il-Viċi Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Il-Viċi Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 08/07/15

Dwar il-mera tat-traffiku li twaħħlet fil-bidu ta' Triq il-Knisja, il-Kunsillier Saliba qal il-mera trid tkun akbar. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li bħalissa ma kienx hawn imirja kbar.

Dwar il-lapida tal-vittmi tal-gwerra, il-Kunsillier Carmelo Saliba ppropona li l-lapida tkun lesta għal Jum iż-Żebbuġ peress li Cremona kien mgħobbi bix-xogħol ta' Novembru. Il-Kunsill qabel.

Dwar il-fuljett tal-Kunsill, il-Kunsillier Saliba qal għandna nibdew naħsbu għall-messaġġi tagħna u nagħmlu mezz li jkunu lesti sal-aħħar tas-sena.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 11/02/2015

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 11/02/2015 tat-Tlieta 15 ta' Settembru 2015 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Din il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija:

Memo nru. 30/2015 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Skema Inizjattivi ta' attivitajiet kulturali għall-2016. Il-Kunsill qabel li japplika għal attivita` fiż-Żebbuġ. Tinżamm laqgħa t-Tlieta 17/11 dwar l-applikazzjoni.

Ittra mibgħuta mill-Maltapost plc dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill biex jinfetaħ Sub-Post Office fil-bini tiegħu.

Komunikat mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali qabel ma jinħatru l-Presidenti tal-Kunsilli Skolastiċi. Il-Kunsill unanimament qabel li jipproponi lill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni lil Ms Judith Zammit biex tinħatar President tal-Kunsill Skolastiku, Skola Primarja Żebbuġ.

Komunikat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-tiġdid tal-*vacation leave* mhux utilizzat sal-aħħar tas-sena għas-sena 2016 tas-Segretarja Eżekuttiva. Il-Kunsill Lokali approva t-tiġdid tal-*vacation leave* li mhux se jilħaq jittieħed għas-sena 2016.

Ittra mibgħuta mill-Moviment Kerygma dwar il-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2015. Il-Viċi Sindku ppropona lil Nicholas Cassar għal dan il-Premju. Il-Kunsill qabel li jinnomina lil Cassar għall-Premju.

Ittra mibgħuta mill-Iskola Primarja Żebbuġ dwar il-festa ta' San Martin. Il-Kunsill qabel li jqassam lil kull tifel u tifla fl-Iskola Primarja Żebbuġ il-borża tradizzjonali ta' San Martin.

Stejjem tal-Perit Edward Scerri għal:
- bini ta' lqugħ bis-sejjieħ fil-parti t'isfel ta' Triq Għajn Mhelhel - €18,299.
- bini ta' ħitan tas-sejjieħ u bankina fi Triq Għajn Mhelhel, mill-grawnd sal-blata tal-Munġutar - €31,989.

Il-Kunsillier Carmelo Saliba ppropona li matul ix-xahar ta' Diċembru, il-Kunsill bl-involviment tal-Għaqdiet tal-lokalita` jorganizza attivita` biex jinġabru flus għal MCCF. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Saliba u ġie deċiż li tinżamm laqgħa għall-Għaqdiet nhar l-24 ta' Novembru 2015.

Kien miftiehem li l-Kunsill jagħmel żjara lis-Sindku fl-Isptar Mater Dei (tinkera *taxi* ta' Joe Pace).

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 57/2015 – Is-Sur Joseph Cefai**
Talab biex titneħħa rampa li hemm fit-triq quddiem is-sinet ta' Cefai fil-limiti ta' Direk. It-talba kienet approvata mill-Kunsill.

**Nru. 72/2015 – Is-Sur Richard Axiaq**
Talab jarda konkos għal xogħol ta' traqqiegħ fi Triq tal-Ħluq. It-talba għall-provvista ta' konkos kienet approvata.

**Nru. 73/2015 – Profs Edwin Grech**
Ilmenta dwar l-istat ħażin tar-*railings* ta' faċċata Lighthouse Crt fi Triq l-Oniċi. Kien maqbul li ssir *site visit* mill-Kunsillieri Saliba u Grech.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 07/2015 – DOK A għall-perijodu bejn it-2 ta' Ottubru 2015 u s-6 ta' Novembru 2015 li tammonta għal €63,696.91 kienet approvata u ffirmata.

## 8. RAPPORTI FINANZJARJI TAT-TLETT XHUR

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-kamra r-Rapporti Finanzjarja tat-tlett xhur tal-ewwel, it-tieni u t-tielet kwart tas-sena 2015.
Il-Kunsill iddiskuta dawn ir-Rapporti.
Wara xi mistoqsijiet u rimarki ta' kjarifika, dawn ir-Rapporti kienu approvata mill-Kunsill.

## 9. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

### ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU MĦALLAT

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat il-parir tal-Av. Scerri dwar iż-żewġ offerti mitfugħa għall-Kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat. Ġie deċiż li terġa' ssir sejħa pubblika għall-offerti (id-doki tal-offerta jinbiegħu €120).

Il-Kunsill approva t-tiġdid tal-Kuntratt eżistenti sakemm jingħata Kuntratt ġdid.

### KOSTRUZZJONI TA' BANKINI

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-kamra li kienu ntefgħu tlett offerti għall-Kuntratt tal-bankini. Dawn l-offerti huma ta' bil-valur:

| | |
|---|---|
| Paul Caruana | Opt A €920.40<br>Opt B €1,003.90 |
| GV Gozo Developments Co Ltd | Opt A €1,185.00<br>Opt B €1,290.00 |
| Road Construction Co Ltd | Opt A €776.05<br>Opt B €855.75 |

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Road Construction Co Ltd li kienet l-irħas waħda.

## KISI TA’ TOROQ BIL-*HOT ROLLED ASPHALT*

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienu ntefgħu żewġ offerti għall-Kuntratt tal-kisi ta’ toroq bit-tarmak. Qalet li l-offerti huma ta’, bil-valur:

| | |
|---|---|
| Road Construction | Total A €50,472.00<br>Total B €14,952.75 |
| Gatt Tarmac Ltd | Total A €49,443.30<br>Total B €14,642.75 |

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa.

Il-Kunsillier Carmelo Saliba qal mill-esperjenza li għandu ma’ ta’ Gatt fil-perijodu meta huwa kien Sindku, jinsab xettiku dwar l-għoti tal-Kuntratt tat-tarmak lil Gatt Tarmac Ltd. Il-Kunsillier Saliba ppropona u l-Kunsill qabel li tinżamm laqgħa mal-Perit tal-Kunsill qabel jiddeċiedi dwar l-għoti tal-Kuntratt.

## SERVIZZ TA’ *HANDYMAN* GĦAL XOGĦLIJIET

Il-Kunsillier Christian Cassar ippropona li din l-offerta ma toħroġx biex ix-xogħol tal-Kunsill jinqasam bejn kull min hu kompetenti. Qbil unanimu mal-proposta ta’ Cassar.

## KIRI U INSTALLAZZJONI TA’ DWAL TAL-MILIED FI PJAZZA L-ASSUNTA U TRIQ IL-KNISJA

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet intefgħet kwotazzjoni waħda għal kiri u installazzjoni ta’ dwal tal-Milied fi Pjazza l-Assunta u Triq il-Knisja. Hija fetħet il-kwotazzjoni mitfugħa.
Il-kwotazzjoni hi ta’ Chris Gauci għall-prezz ta’ €2,940, ventijiet u arbli għandhom jiġu provduti mill-Kunsill.

Peress li l-budget għat-tiżjin bi dwal ma kellux jeċċedi €3,000 u fid-dawl li Gauci qed jitlob biex il-ventijiet u l-arbli jiġu provduti mill-Kunsill, il-Kunsill iddeċieda li jiftaħ negozjati ma’ Chris Gauci.

## STAMPAR TAL-KALENDARJU

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienu ntefgħu tlett kwotazzjonijiet għall-istampar tal-kalendarju. Hija fetħet il-kwotazzjonijiet mitfugħa.

| | |
|---|---|
| Dormax Press | €922.95 |
| Gozo Press | €644.99 |
| BCD Printing | €1,164. |

Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta’ Gozo Press li kienet l-irħas waħda.

Ir-ritratti tal-kalendarju tqassmu hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Żebbuġ | – | Frar, Marzu, April, Awwissu, Settembru, Diċembru (fotografi Baskal Mallia u Matthew Vella). |
| Marsalforn | – | Jannar, Mejju, Ġunju, Lulju, Ottubru, Novembru (fotografu Joseph Zammit). |

## 10. MILIED 2015

Għall-festi tal-Milied, il-Kunsill approva dawn l-attivitajiet:

- ħarġa bit-trejn, bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena.
- festin għat-tfal.  Il-ħlas ikun bħas-sena l-oħra.
- kompetizzjoni tal-presepji.

## 11. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsilliera Grech qalet li kienet kellmitha s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Anzjani u Persuni b’ Diżabilita` u talbet biex tinżamm laqgħa mal-Kunsill dwar Dar tal-Anzjani fiż-Żebbuġ.
Il-Kunsill ftiehem li jżomm laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Caruana.

Il-Kunsillier Saliba talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex id-deċiżjonijiet meħuda fil-leġislatura preċedenti u li kien għadhom ma twettqux, jerġgħu jitilgħu f’ laqgħa tal-Kunsill biex ikun jista’ jitkompla l-proċess.

Il-Kunsillier Saliba talab dettalji tal-proġett ta’ Triq is-Sellum.  Il-Viċi Sindku qal kienu kellmuh xi residenti u oġġezzjonaw miegħu li l-passaġġ tas-Sellum jinkesa bil-konkos.  Il-Viċi Sindku u r-residenti li kienu kellmuh qegħdin jaqblu li dan il-passaġġ isir biċ-ċangatura.
Il-Kunsillier Saliba talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tgħaddi lill-Kunsillieri kopja tal-applikazzjoni li saret mal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Il-Viċi Sindku qal kienu kellmuh tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u talbuh xi oġġetti għall-Youth Spot:

- *joy stick*
- *playstation games*

- *TV*
- *Xbox*
- imwejjed u siġġijiet
- tiswija ta' *light fittings* u ħsara mal-ħajt
- internet għall-kompjuter.

Il-Kunsillier Cassar qal li kienu tkellmu miegħu wkoll.

Il-Viċi Sindku ressaq dawn il-proposti:

- isir *communal reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita` fil-bidu ta' Triq Ġoma.
- issir trinka tul ir-residenza bin-nru. 49 sqaq fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri biex jinkixef il-qatran tal-post.

Il-Kunsill approva l-proposti tal-Viċi Sindku.

Il-Kunsillier Saliba ppropona biex maġenb l-Għażżiela fi Pjazza l-Assunta jsiru tlett *parking bays* riservata għal okkażjonjiet ta' tiġijiet u funerali. Il-Kunsill qabel mal-proposta ta' Saliba.

Il-Viċi Sindku staqsa lis-Segretarja Eżekuttiva jekk hija tafx dwar il-monti li kien qed ikun reklamat għal Ħadd 15 ta' Novembru.
Il-Kunsillier Cassar qal il-monti hija attivita` tal-klabb tal-futboll u infatti huwa kien ser isemmiha f' din il-laqgħa. Qal il-klabb qed jitolbu biex tingħalaq it-triq biex jarmaw il-bejjiegħa tal-monti.
Il-Viċi Sindku qal biex jintrama monti, ikun hemm bżonn xi permessi.
Il-Kunsillier Saliba semma każ fejn monti kien reklamat bħala fiera. Qal hu ma jistax japprova l-illegalita`.

Il-Kunsill iddeċieda li l-attivita` tal-monti ma ssirx fid-dawl li mhux fil-parametri tal-liġi.

Il-Kunsilliera Grech ipproponiet li l-Kunsill ikollu l-*face book page* tiegħu. Is-Sinj. Grech issuġġeriet lil Baskal Saliba biex jagħmel il-*facebook page* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel u jintalab prezz minn qabel.

## 10. AĠĠORNAMENT

Is-seduta ntemmet fid-9.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Nicky Saliba — Diane Tagliaferro
Sindku — Segretarja Eżekuttiva